MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Numru 372/2001

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina)
vs
Charles Debono, iben Carmelo,
imwieled Żejtun fis-26 ta'
diċembru, 1964

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-14 ta' ġunju, 2001 u f'dawn l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda –

1. mingħajr liċenzja mogħtija mill-awtorita' kompetenti, għamel kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta mingħajr liċenzja mill-awtorita' kompetenti u cioe' silef flus bl-imgħax lil diversi persuni;

2. talli kiser jew naqas li jħares xi waħda mid-dispozizzjonijiet ta' l-Att XXII ta' l-1994, jew xjentement kien parti fl-egħmil, jew ipprokura jew għen jew ħajjar l-għemil ta' xi reat taħt l-istess Att XXII ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;
3. talli kiser il-kondizzjonijiet ta' probation skond l-artikolu 5 tal-kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta, imposti fuqu b'żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati fis-26 ta' jannar, 1999;
4. talli jitqies li sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġie kkundannat għal reati b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' mejju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 3, 22(1) u 23(2) tal-Att XXII ta' l-1994, l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elfrjn liri maltin (lm2,000).

--------------------------------TMIEM--------------------------------